MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 687/2011

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Melissa Riolo (ID-371674-M) sija bil-polza u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Melissa Riolo**

**vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u sitta u disghin ewro u hmistax-il centezmu (€596.15c) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tas-16 ta' Jannar, 2010, fi Triq Garibaldi, Marsa, f'liema incident kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni OLA-720 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta'

attrici, Melissa Riolo, liema vettura kienet assikurata taht polza *comprehensive* mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident in kwistjoni waqghet go hofra fonda u skabruza illi thalliet fuq wicc it-triq in kwistjoni fid-dlam u minghajr senjalagg adekwat, u dana unikament b'negligenza, nuqqas ta' prudenza, u imperizja da parti tal-Awtorita' konvenuta.
Is-somma mitluba f'danni tinkludi l-ammont ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) mhallsa bhala *excess* mill-assikurata tas-socjeta' attrici.

Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Novembru, 2010, l-Awtorita' konvenuta baqghet inadempjenti,

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Novembru, 2010, u bl-imghax pagabbli mill-24 ta' Novembru, 2010, sal-guranata tal-hlas effettiv, kontra l-Awtorita' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha ta' l-atturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali responsiva datata 14 ta' Marzu, 2011 kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici illi qieghda tigi ngunta in subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-azzjoni giet proposta mill-atturi in segwitu ghal incident li sehh fis-16 ta’ Jannar, 2010 fi Triq Garibaldi, Marsa, meta l-attrici Melissa Riolo, li kienet qedha ssuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni OLA-720, dahlet f’zewg hofor f’din l-istess triq, bil-konsegwenza illi garrbet hsara fiz-zewg roti tan-naha tax-xellug, ta’ quddiem u ta’ wara, u dwar dan ressqet claim mas-socjeta’ assiguratrici taghha, is-socjeta’ attrici f’din il-kawza. Illi dakinhar li sehh l-incident l-attrici kienet qed issuq il-vettura taghha mid-direzzjoni tal-ajruport fid-direzzjoni ta’ tas-Sliema, u waqt illi kienet ghaddejja fil-karreggjata tan-naha ta’ gewwa – ghaliex f’din it-triq hemm zewg karreggjati fiz-zewg direzzjonijiet – hi hasset zewg daqqiet fir-roti tal-vettura taghha, u meta waqfet mal-genb sabiex tara x’kien gara, rat illi kellha zewg punctures. Dakinhar kienet ix-xita, u ghalhekk ma kienitx qedha ssuq b’velocita’; meta mxiet ftit lura sabiex tara x’seta’ ikkawza dik il-hsara, rat li kien hemm zewg hofor wara xulxin, u li ghalhekk kienet ghaddiet minnhom bil-karozza. Illi dawn il-hofor ma kienux jidhru waqt li kienet qedha ssuq ghaliex l-incident sehh filghaxija, u ghalhekk kien dalam, oltre illi l-hofor kienu mtlew bl-ilma tax-xita. Illi nnotat ukoll persuni ohra li kienu waqfu bil-karozzi taghhom mal-genb tat-triq peress illi huma wkoll kienu hadu puncture.

Illi dwar dan l-incident l-attrici ghamlet rapport fl-Ghassa tal-Hamrun, u dan minkejja l-fatt illi l-lokalita’ li maghha taghmel Triq Garibaldi, Marsa hija l-Ghassa ta’ Rahal Gdid. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rapport sar l-ghada li sehh l-incident; madanakollu, l-Ufficjal tal-Pulizija ma’ min sar ir-rapport ma ftakarax li ra l-vettura bil-hsara li garrbet.

Illi dwar il-hsara li l-attrici garrbet fil-vettura xehed il-*motor surveyor* li gie inkarigat mis-socjeta’ attrici sabiex jispezzjona l-vettura tal-attrici. Illi dan xehed illi l-hsara kienet fix-*shock absorbers, mountings*, tyres u rims, u filwaqt illi dawn tal-ahhar kienu jissewwew, il-parts l-ohra kellhom jinbidlu. Illi l-istess xhud iddikjara illi ghalkemm kien hemm grad konsiderevoli ta’ *wear and tear* f’dawn il-parts, madanakollu, kien jidher illi l-hsara grat konsegwenza ta’ daqqa kbira.

Illi da parti taghha, l-Awtorita' intimata, tramite tal-Ufficjali taghha, iddikjarat illi fit-18 ta' Jannar, 2010 gew imwettqa xogholijiet ta' tiswija fi Triq Garibaldi, Marsa in segwitu ta' *works order* illi harget l-Awtorita' wara spezzjoni li saret ta' din it-triq minn ufficjali taghha.  Illi *field officer* fi hdan l-Awtorita' intimata spjega illi fl-2010, u cioe' meta sehh l-incident, l-ispezzjonijiet mill-*field officers* tat-toroq arterjali ta' Malta kienet issir regolarment, madwar darba f'gimgha, izda minghajr ma tigi segwita ebda sistema fissa ta' spezzjoni.  Eventwalment din is-sistema inbidlet, u l-ispezzjoni tat-toroq arterjali bdiet issehh in bazi ghal skeda.  Illi bis-sistema precedenti, ma kienx jinzamm rendikont tal-ispezzjonijiet li kienu jsiru, izda meta kienet tirrizulta xi hsara fit-toroq, kienet tinhareg *works order* ghat-tiswija taghha;  illi ghalhekk ma kienx ikun dokumentat fejn kienu jsiru l-ispezzjonijiet, hlief kemm-il darba tigi nnotata xi hsara li tehtieg tiswija.  Illi ghalhekk il-*field officer* li talab il-hrug tal-*works order* sabiex issir it-tiswija fi Triq Garibaldi, Marsa, ma kienx f'posizzjoni li jghid meta saret spezzjoni ta' din it-Triq qabel ma inharget il-*works order* tat-18 ta' Jannar, 2010.

Illi l-*field officer* li wettaq l-ispezzjoni ta' Triq Garibaldi, Marsa pprezenta zewg ritratti ta' zewg hofor f'din it-triq, u li taghhom inharget il-*works order* relattiva.  Illi tali ritratti ttiehdu waqt *routine road inspections* li jkunu saru mill-istess ufficjali.

Ikkunsidra,

Illi f'din l-azzjoni, l-kontestazzjoni tal-Awtorita' konvenuta permezz tar-risposta taghha hija limitatament dwar in-nuqqas ta' responsabilita' taghha ghall-hsara li garrbet l-attrici fil-vettura taghha.  Illi ma giex ikkontestat mill-Awtorita' konvenuta illi t-triq in kwistjoni, u cioe' Triq Garibaldi, Marsa, taqa' taht il-kompetenza taghha ghal dak li jirrigwarda l-manutenzjoni taghha.  Illi mill-minuta li giet ipprezentata mill-Perit Charlene Bonnici, u li kopja taghha tinsab a fol.62 tal-atti, jirrizulta illi kien hemm hsara, u aktar precizament *pothole* fi Triq Garibaldi, Marsa, u li kienu nghataw l-istruzzjonijiet mehtiega sabiex tali hsara tigi rimedjata.  Illi tali tiswija giet effettivament

imwettqa, in segwitu ghal *works order* datata 18 ta' Jannar, 2010 (li kopja taghha tinsab a fol.69 tal-atti). Illi l-*works order* relattiva kienet tipprovdi illi ghandu jsir "*patching of potholes with cold asphalt*" u dan tul it-triq kollha kull fejn kien hemm il-hofor, u dan kif gie spjegat mill-*field officer* li fil-*works order* indika "*all stretch*" ghal dak li jirrigwarda l-*exact location*.

IllI mid-diversi ritratti li gew ipprezentati miz-zewg partijiet jidher illi l-hofor li xehdu dwarhom, huma differenti. Illi filwaqt illi l-attrici xehdet illi l-hofor li ghaddiet minnhom bil-karozza taghha kienu fuq in-naha ta' gewwa tal-karreggjata li kienet ghaddejja minnha – u ghalhekk qrib tal-bankina – tant illi l-hsara li garrbet fil-vettura misjuqa minnha kienet fir-roti ta' quddiem u ta' wara tan-naha tax-xellug, il-hofor li jidhru fir-ritratti li gew ipprezentati mill-*field officer* impjegat fi hdan l-Awtorita' konvenuta, juru hofor li huma qrib tal-linja medjana li tifred iz-zewg karreggjati li jipprosegwu fl-istess direzzjoni. Illi ghalhekk ma jidhirx illi l-partijiet kienu qed jirreferu ghall-istess hofra, jew hofor, fi Triq Garibaldi, Marsa.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal huwa rilevanti, madanakollu, illi gie dokumentat mill-Perit impjegata fi hdan l-Awtorita' konvenuta illi l-*field officer* kien fit-18 ta' Jannar 2010 irraportata illi kien hemm *pothole* fi Triq Garibaldi, Marsa, li kienet tehtieg it-tiswija, oltre l-fatt illi fil-*works order* li nharget fit-18 ta' Jannar, 2010, l-istess *field officer* – li d'altronde kien wettaq l-ispezzjoni personalment – indika fl-istess *works order* illi kellhom jigu riparati l-*potholes* tul it-triq kollha, li jindika pluralita' ta' hofor, li mhux necessarjament kienu limitati ghaz-zewg hofor li taghhom gew ipprezentati r-ritratti. Illi oltre dan, fiz-zewg ritratti li gew ipprezentati mill-*field officer* m'hemm xejn x'jindika li dawn huma ritratti ta' hofor li ttiehdu f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, u lanqas m'hemm xejn x'jindika f'tali ritratti illi dawn ittiehdu fl-ispezzjoni li saret fit-18 ta' Jannar, 2010.

Illi min-naha l-ohra, it-Tribunal jinnota wkoll illi ghalkemm l-attrici ddikjarat li fil-hin li sehh l-incident hi kellha passiggier riekeb maghha, din naqset milli tressaq lil din il-

persuna sabiex jigi sostanzjat dak li kien qed jigi allegat minnha. Madanakollu, u tenut kont tad-deposizzjoni tas-Surveyor inkarigat mis-socjeta' attrici, u fid-dawl tar-rapport imhejji minnu, irrizulta sodisfacentement illi l-hsara kkagunata fil-vettura proprjeta' tal-attrici hija rizultat ta' daqqa kbira, li huwa ferm probabbli li giet ikkawzata meta l-attrici ghaddiet bil-karozza taghha minn dawn il-hofor.

Illi kif gie rilevat aktar 'l fuq, ma giex ikkontestat mill-Awtorita' konvenuta illi l-manutenzjoni ta' Triq Garibaldi, Marsa taqa' taht ir-responsabilita' u kompetenza taghha, tant illi din l-istess Awtorita' ikkonfermat illi ordnat illi tigi mwettqa t-tiswija tal-hofor f'din it-triq permezz ta' *works order* datata 18 ta' Jannar, 2010, li kien l-ewwel jum tax-xoghol wara tmiem il-gimgha meta setghet issir l-ispezzjoni ta' din it-triq u tinhareg l-ordni relattiva. Illi l-fatt illi l-attrici lmentat li garrbet hsara fil-vettura taghha meta kienet ghaddejja minn din l-istess triq jumejn biss qabel ma nharget din il-*works order* isahhah il-fehma ta' dan it-Tribunal illi huwa ferm probabbli li l-hsara li garrbet l-attrici fil-vettura taghha kien konsegwenza ta' dawn l-istess hofor li kien hemm f'din it-triq, u li accidentalment ghaddiet minnhom bil-vettura taghha. Illi fuq bilanc ta' probabilita', it-Tribunal ser jghaddi sabiex jaccetta bhala verosimili l-verzjoni tal-fatti kif mghotija mill-attrici, u ghalhekk qed jasal ghall-konkluzjoni illi l-hsara li garrbet l-attrici fil-vettura taghha hija konsegwenza tal-istat hazin li kienet tinsab fih Triq Garibaldi, Marsa, liema triq l-Awtorita' konvenuta kellha l-obbligu u d-dmir li tassigura illi tkun fi stat tajjeb sabiex ma jigi kkawzat ebda perikolu u dannu lill-utenti taghha.

Illi dwar il-*quantum* tad-danni reklamati mill-atturi ma tressqet ebda eccezzjoni mill-Awtorita' konvenuta li dan l-ammont huwa ikkontestat, oltre illi tali ammont huwa sostanzjat permezz ta' diversi ricevuti li jinsabu a fol. 37 sa 42 tal-atti; anzi, l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba huwa inferjuri ghall-ammont totali ta' dawn ir-ricevuti u mghadud maghhom l-ammont ta' hamsa u hamsin ewro (€55.00) *excess* li hallset l-attrici. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji t-talba tal-atturi kif rizultanti mill-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' konvenuta, jilqa' t-talba tal-atturi, u jordna lill-Awtorita' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija sitta u disghin ewro u hmistax-il centezmu (€596.15c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-Awtorita' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------